Newsheet tal-Għaqdiet Kattoliċi

Nru. 497 MEJJU 2018

"Il-profeti tal-mewt ta' kull żmien, anki tal-lum, jarmu n-nies, jarmu t-tfal, jarmu l-anzjani, għax dawn ma jiswewx għalihom."
(Papa Franġisku, Żjara f'San Giovanni Rotondo, 17 ta' Marzu 2018)

# Stqarrija tal-Isqfijiet Maltin dwar l-Att li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Embrijuni

Aħna l-Maltin għandna għożża għall-ulied u għall-ħajja sa mit-tnissil tagħha. Din hi ħaġa pożittiva ħafna li nixtiequ ninkoraġġixxu bis-sħiħ. Nuru għalhekk l-apprezzament tagħna għall-isforzi li jsiru biex il-koppji li ma jistgħux ikollhom tfal jingħataw għajnuna xierqa u f'waqtha.

Fl-istess waqt, hu b'dispjaċir li qrajna emendi proposti għall-Att dwar il-Protezzjoni tal-Embrijuni.

Jidher li l-emendi proposti jmorru kontra l-għan prinċipali tal-liġi preżenti, li kien li jassisti koppji li qegħdin f'relazzjoni stabbli biex jista' jkollhom tarbija. S'issa l-liġi kienet tipproteġi d-dinjità tal-embrijun sa mill-bidu nett tal-ħajja umana u tassigura li t-tarbija titwieled b'omm u b'missier.

Bl-emendi proposti, dan jispiċċa. It-tarbija ssir oġġett li qiegħed hemm biss biex jissodisfa x-xewqa ta' ħaddieħor. Kull min irid tarbija, hu min hu u hi min hi, jista' jaħdem biex joħloq waħda, u dan il-liġi tbierku. Meta l-liġi tintroduċi l-possibbiltà ta' donaturi anonimi taċ-ċelloli għat-tnissil, is-self tal-ġuf bis-surrogazzjoni u l-iffriżar tal-embrijuni – dan kollu jagħmel mit-tarbija oġġett ta' produzzjoni.

Hu ta' tħassib serju li b'dawn l-emendi jista' jkun hemm tfal li qatt ma jafu min hi l-omm naturali tagħhom jew il-missier naturali tagħhom, min huma ħuthom, il-kuġini, iz-zijiet u n-nanniet proprji tagħhom. Il-liġi l-ġdida qed toħloq orfni ġodda, u dan bi pjan. Diġà hi sitwazzjoni ta' uġigħ kbir meta t-tfal, għal xi raġuni jew oħra, ma jkollhomx il-grazzja tat-trobbija minn omm u missier. Imma li liġi toħloq sitwazzjonijiet ġodda bħal dawn, u li tkabbar id-diskriminazzjoni bejn it-tfal, inissel tħassib kbir.

L-ulied huma għeżież u ma ħaqqhomx hekk. Jistħoqqilhom li jkunu mħarsa fil-ħtiġijiet fiżiċi, emozzjonali, psikoloġiċi, morali u spiritwali tagħhom. Huma l-ġenerazzjonijiet futuri li jkollhom jaħsdu dak li qed jinżera' llum.

Tħassibna ħafna wkoll il-proposta li l-iffriżar tal-embrijuni ser jibda jsir b'għażla. Hemm ħafna problemi etiċi oħra assoċjati ma' dan fosthom il-periklu li embrijuni ffriżati jibqgħu ma jiġux adottati għax ma jridhom ħadd. Dawn it-trabi mnissla mit-teknoloġija jistgħu — tort tal-bniedem — qatt ma jaraw id-dawl.

L-appell tagħna jmur lejn dawk li għandhom ir-responsabbiltà għal din il-liġi biex verament iħarsu l-ħajja u d-dinjità umana u ma jagħmlu xejn li jkasbar id-drittijiet tal-ulied.

*✠ Charles J. Scicluna, Arċisqof ta' Malta*   *✠ Mario Grech, Isqof ta' Għawdex*

## appuntamenti mid-djarju...

### SAN ĠUŻEPP ĦADDIEM
### IT-TLIETA, 1 TA' MEJJU 2018

F'dan il-jum inpoġġu lilna nfusna bħala ħaddiema fil-għalqa tal-Mulej taħt it-protezzjoni ta' San Ġużepp Patrun tagħna l-Ħaddiema. Inħarsu dan il-jum billi nqaddsuh u nagħmlu talb speċjali biex jgħinna u jħarisna fl-appostolat tagħna.

### L-ERBGĦAT TAL-MADONNA

Jibdew fit-2 ta' Mejju.
Kull nhar ta' Erbgħa, fis-Santwarju Ta' Pinu, jingħad ir-Rużarju *aux flambeaux* fit-8.30pm fuq iz-Zuntier, quddiem il-Misteri tar-Rużarju.

### TIFKIRA TA' SAN ĠORĠ PRECA

Il-Ġimgħa 4 ta' Mejju fl-4.30p.m. fil-Parroċċa tal-Vizitazzjoni tal-Għarb ser issir Laqgħa Djoċesana ta' Talb ad unur San Ġorġ Preca organizzata mill-Uffiċċju tal-Katekeżi tal-Kurja u s-Soċjetà tal-MUSEUM. Mistiedna speċjali: il-Katekisti u s-Soċji u t-tfal minn Year 4 'il fuq.

### ID-DEHRIET TA' FATIMA ĊELEBRAZZJONIJIET FIL-KNISJA TA' ĦAMET

Nhar IT-TNEJN 14 ta' Mejju jibdew id-dehriet tal-Madonna ġewwa Fatima. Fil-Knisja ta' Ħamet L-EWWEL DEHRA ser issir nhar It-Tnejn, 14 ta' Mejju. Fis-6.30pm tibda l-Adorazzjoni Ewkaristika Solenni mmexxija mill-Azzjoni Kattolika t'Għawdex. Fis-7.00pm Quddiesa Konċelebrata mmexxija minn Mons Tarcisio Camilleri Vigarju Ġenerali. Wara jsir pellegrinaġġ ta' talb bl-istatwa tal-Madonna ta' Fatima u fl-aħħar barka sagramentali. Dawn id-dehriet jitkomplew kull 13 tax-xahar sa Ottubru. Barra Awwissu li tkun fis-20 it-Tnejn. Kulħadd huwa mistieden għal dawn id-dehriet.

### SIMPOSJU MARJAN F'TA' PINU

1-2 ta' Ġunju (6.00pm).

## KWARANTURI MQADDSA FIL-BELT VICTORIA



*"la l-ħobża hi waħda, aħna, li aħna ħafna, aħna ġisem wieħed"* (1 Kor 10:17)

Il-Parroċċi u l-Komunitajiet Insara fil-Belt Victoria jingħaqdu flimkien biex jiċċelebraw il-Kwaranturi Mqaddsa

**Il-Ħadd 6 ta' Mejju 2018 | Pjazza Indipendenza (It-Tokk)**

- **6.00pm: Konċelebrazzjoni solenni** mmexxija mill-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex
- **7.00pm: Purċissjoni solenni b'Ġesù Ewkaristija** mat-toroq tar-Rabat immexxija mill-Isqof bis-sehem tal-Kleru, Reliġjużi, Fratelli, Abbatini, Tfal tal-Ewwel Tqarbina u tal-Griżma tal-Isqof, Tfal biż-żimarri, u Poplu kollu ta' Alla

*Fil-jiem ta' qabel, fil-Parroċċi tal-Katidral u ta' San Ġorġ, u fil-Knejjes ta' San Franġisk u ta' Santu Wistin, ikun hemm l-Adorazzjoni solenni.*

| | |
|---|---|
| 1. It-Tlieta | San Ġużepp Ħaddiem. Patrun tal-Ħaddiema. Tifkira (O). \| Jum il-Ħaddiem.<br>Kwiżż Sala tal-Azzjoni Kattolika, Victoria (9.00am). Preżenti l-Isqof Mario Grech. |
| 2. L-Erbgħa | San Atanasju, Isqof u Duttur tal-Knisja. Tifkira (O).<br>L-ewwel Erbgħa ta' Santa Marija \| Laqgħa tal-Kulleġġ tal-Kappillani. |
| 3. Il-Ħamis. | San Filippu u San Ġakbu, Appostoli. Festa.<br>Ġurnata Adorazzjoni Ewkaristika b'talb għall-Vokazzjonijiet fis-Seminarju (7am-8pm).<br>Laqgħa għall-Għalliema Yr.4 (LV).<br>Mixja ta' tħejjija għaż-żwieġ u għall-ħajja tal-Familja (Dar San Ġużepp, Santa Venera, Malta). |
| 4. Il-Ġimgħa | L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar. Adorazzjoni u Tqarbina Riparatriċi.<br>Laqgħa Djoċesana ta' Talb ad unur San Ġorġ Preca, il-katekisti u Soċji u t-tfal tal-Museum minn yr.4 'il fuq (Parroċċa tal-Għarb - 5.30-6.30pm).<br>Laqgħa għal Persuni Separati (Istitut tal-Familja Ġwanni Pawlu) \| Quddiesa għall-Professjonisti u Gradwati (anke koppji) fl-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar (Knisja ta' Santu Wistin, Victoria - 8.30pm). |
| 5. Is-Sibt | Ċenaklu tal-Azzjoni Kattolika (Dar Ċentrali - 4.30pm). \| Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Parroċċa San Ġorġ, ir-Rabat - Quddies: 8.30pm u f'nofsillejl) |
| **6. Il-Ħadd** | **Is-Sitt Ħadd tal-Għid. Sena B.**<br>**Kwaranturi Mqaddsa fil-Belt Victoria (Quddiesa Pontifikali fis-6.00pm),** |
| 8. It-Tlieta | Festa tal-Madonna ta' Pompej (Knisja ta' Pompej, ir-Rabat). F'nofsinhar, l-ET Mons. Isqof Mario Grech imexxi s-Supplika tal-Madonna ta' Pompej.<br>Laqgħa għall-Għalliema Yr.5 (LV). |
| 9. L-Erbgħa | San Ġorġ Preca, Presbiteru u Fundatur tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija, M.U.S.E.U.M. Festa.<br>It-Tieni Erbgħa ta' Santa Marija. |
| 10. Il-Ħamis | Laqgħa għall-Għalliema Yr.6 (LV). |
| 12. Is-Sibt | San Nerew u San Akilli, Martri jew San Pankrazju, Martri (Tifkira).<br>Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Kappella tal-Oratorju Don Bosco, ir-Rabat - Quddies: 8.30pm u f'nofsillejl). |
| **13. Il-Ħadd** | **Is-Seba Ħadd tal-Għid. Tlugħ il-Mulej Fis-Sema.Solennità. Sena B.**<br>**It-52 Jum il-Mezzi tal-Komunikazzjoni Soċjali Jum l-Omm. Nitolbu għall-Ommijiet tagħna ħajjin u mejtin.** |
| 14. It-Tnejn | San Mattija Appostlu. Festa.<br>L-Ewwel dehra tal-Madonna ta' Fatima fil-Knisja Ta' Ħamet: fis-6.30pm Adorazzjoni u fis-7.00pm quddiesa minn Mons Tarcisio Camilleri Vigarju Generali. |
| 15. It-Tlieta | Jum Internazzjonali tal-Familja (ĠM). |
| 16. L-Erbgħa | Laqgħa Kummissjoni Djoċesana Familja (Istitut tal-Familja Papa Ġwanni Pawlu II - 7.30pm).<br>It-tielet Erbgħa ta' Santa Marija |
| 17. Il-Ħamis | Mixja ta' tħejjija għaż-żwieġ u għall-ħajja tal-Familja (Dar San Ġużepp, Santa Venera, Malta). |
| 18. Il-Ġimgħa | San Ġwann I,Papa u Martri (Tifkira).<br>Laqgħat għall-Persuni Separati (Istitut tal-Familja Gwann Pawl II - 8pm) \| Żjara bir-Relikwa ta' Santa Ġanna Beretta Molla fl-Isptar Ġenerali (A.K.). |
| 19. Is-Sibt | Vġili tal-Għid il-Ħamsin.<br>Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja ta' Ħamet, ix-Xewkija - Quddies: 8.30pm u f'nofsillejl). |
| **20. Il-Ħadd** | **Għid il-Ħamsin. Solennità Sena B. Jum l-Appostolat tal-Lajċi.** |
| 21. It-Tnejn | San Kristofru Magallanese, Presibteru u Sħabu Martri. Tifkira. |
| 22. It-Tlieta | Santa Rita minn Cascia, Reliġjuża. Tifkira.<br>Festa ta' Santa Rita (Knisja ta' Santu Wistin, ir-Rabat \| Sorijiet Agostinjani, Għajnsielem). |
| 23. L-Erbgħa | Formazzjoni għar-Reliġjuzi, Membri ta' Istituti Sekulari u Lajċi Kkonsagrati (Kunvent ta' Santu Wistin, Victoria fl-4.00pm). \| KKSK 9Laura Vicuna). \| Ir-Raba' Erbgħa ta' Santa Marija. |
| 24. Il-Ħamis | Marija Għajnuna tal-Insara (Festa Sorijiet Salesjani).<br>Festa u Purċissjoni ta' Marija Għajnuna tal-Insara (Kappella tal-Oratorju Don Bosco - 7.00pm). |
| 25. Il-Ġimgħa | San Beda l-Venerabbli, Presbiteru u Duttur tal-Knisja. Tifkira. |
| 26. Is-Sibt | San Filippu Neri, Presbiteru. Tifkira (O).<br>Seminar tal-Kummissjoni Djoċesana Familja (Istitut tal-Familja Ġwann Pawlu II).<br>Adorazzjoni għall-Persuni Kkonsagrati fil-Parroċċa taż-Żebbuġ (6.00pm: Adorazzjoni Ewkaristika Solenni \| 7.00pm: b'Konċelebrazzjoni).<br>Seminar tal-Kummissjoni Djoċesana Familja: (Istitut tal-Familja Ġwanni Pawlu II) / Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja ta' San Franġisk, ir-Rabat - Quddies: 8.30pm u f'nofsillejl). |
| **27. Il- Ħadd.** | **It-Trinità Qaddisa. Solennità.**<br>**Festa tan-Nawfraġju San Pawl (Parroċċa Munxar).** |
| 31. Il-Ħamis | Iż-Żjara tal-Imqaddsa Verġni Marija lil Santa Eliżabetta. Festa.<br>Konsagrazzjoni tal-Familji f'għeluq ix-xahar tal-Madonna. \| Jum Dinji kontra t-Tipjip (ĠM).<br>Mixja ta' tħejjija għaż-żwieġ u għall-ħajja tal-Familja (Dar San Ġużepp, Santa Venera, Malta). |